ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 45/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 12 ta' Jannar 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono kien skużat (ittra tal-Kunsillier Debono mehmuża mal-minuti bħala Dok. B).

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 44/09

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 44/09 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI 44/09

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

**KOMPETIZZJONI GĦALL-ISBAĦ PRESEPJI**
Inqara r-riżultat tal-kompetizzjoni għall-isbaħ presepji. Ġie deċiż li jsir festin għall-parteċipanti kollha tal-kompetizzjoni fejn jitħabbar ir-riżultat u jingħataw il-premijiet lir-rebbieħa (għall-festin jinġabu pizzez miċ-Ċentru Parrokkjali).

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Komunikat tal-Perit Edward Scerri dwar ix-xogħol fuq Triq il-Wied. Il-Kunsill approva stima ta' €3,387 għal xogħlijiet extra fuq Triq il-Wied (titqaxxar fond ta' 0.5m u timtela biż-żrar).

Memo 9/2010 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett xogħol fuq toroq residenzjali. Il-Kunsill qabel li mill-*budget* tiegħu għas-sena 2010 jiksi bit-tarmak Triq iċ-Ċnus, Triq tal-Konti u parti minn Triq Għajn Mhelhel (skont x' jippermetti l-*budget*) u taħt l-iskema PPP issir talba għal parti minn Triq Sta Marija (sal-Bajja tal-Qbajjar) u Triq il-Qbajjar (sa quddiem il-bini tal-Forchetta), Triq Għar Qawqla, Triq tax-Xtut u Triq Ulisse. Dwar Triq iċ-Ċnus, is-Sindku rrimarka li xi residenti kienu ġibdulu l-attenzjoni li t-triq kienu fetħuha ta' Cini stess biex setgħu nbnew il-plots.

Memo 12/2010 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett għajnuna għat-tħawwil ta' siġar. Il-Kunsill ftiehem li jitlob siġar għall-Pjazza l-Assunta u għal Triq Mons Ġużeppi De Piro (faċċata tal-*playing field*).

Ittra anonima dwar vettura abbandunata fi Triq il-Lampuka. Ġie deċiż li jitwaħħal avviż ta' rmonk fuq il-vettura mill-gwardjan lokali.

Ittra mibgħuta minn James Said fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jarma l-*bumping cars* fil-*car park* ta' Marsalforn bejn it-18 ta' Ġunju u d-9 ta' Settembru 2010. Il-Kunsill irrifjuta t-talba ta' Said.

Saret diskussjoni fit-tul dwar l-iżvilupp tal-*car park* ta' Marsalforn.

Ittra mibgħuta mill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-wirja tal-gallariji li l-Kunsill iddeċieda li jtella' fil-lokalita`. Kien hemm qbil li nitkellmu mal-Kumitat tal-Banda dwar il-possibbilita` li din il-wirja tinżamm fil-bini tal-każin.

Ittra mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni dwar għotja ta' siġar taż-żebbuġ lill-Kunsill Lokali.

Ittra mibgħuta mill-Av. Simone Grech għan-nom ta' Joseph u Angie Muscat fejn qed jingħad li ġiet ikkaġunata ħsara lis-sistema tad-drenaġġ tal-proprjeta` tagħhom meta sar it-tarmak fi Triq id-Duluri. Il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi l-ittra lill-avukat tal-Kunsill biex tiġi mwieġba minnha.

**Applikazzjoni għal permess tal-Kunsill Lokali**

| | |
|---|---|
| | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
| Anthony Camilleri - Ta' Pennellu<br>Biex jagħmel attivitajiet soċjali bejn it-12 u l-14 ta' Frar 2010 fuq il-*promenade* ta' Marsalforn. | Rifjutata. |

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

Dwar il-kont tal-Cornucopia Hotel, il-Kunsillier Camilleri qal hu qiegħed joġġezzjona għall-ħlas ta' dan il-kont għax skond Camilleri, il-Kunsill ma jistax iħallas ikliet. Is-Sindku qal li dik kienet attivita` tal-Kunsill.

**Dawn il-pagamenti kienu approvati:**

Ħart tas-siġar taż-żebbuġ fi Triq iż-Żebbuġ
(Alfred Attard) €69.88
Il-Kunsillier Camilleri oġġezzjona għall-ħlas ta' dan il-kont għax skond Camilleri, il-ħlas mitlub minn Attard huwa għoli. Camilleri staqsa min se jdur il-konok tas-siġar u l-ħaxix ta' fuq il-ħajt?
Il-Kunsillier Refalo staqsa kemm dam biex ħarathom?
Is-Sindku qal il-kont ta' Attard huwa wieħed ġustifikat għax il-ħart kien doppju.

| | |
|---|---|
| Ġurija – kompetizzjoni għall-isbaħ presepji 2009 (Għaqda Ħbieb tal-Presepju) | €75.00 |
| Konsum u kera tal-linji tat-telefons (GO) | €171.13 |
| *Art work* – kalendarju u l-aħħar żewġ fuljetti tal-Kunsill (B.C.D. Printing Ltd) | €537.00 |
| Stampar tal-kalendarju 2010 (B.C.D. Printing Ltd) | €1,150.00 |
| Tindif ta' l-uffiċini tal-Kunsill – Diċembru 2009 (Salvina Bajada) | €51.26 |
| Servizzi ta' ġarr ta' flus –Diċembru 2009 (Group 4S Security Services Ltd) | €22.83 |
| Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ – Diċembru 2009 (Nancy Cefai) | €143.84 |
| Tindif u żamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar – Diċembru 2009 (John Zammit) | €172.08 |
| Sapport għal seba' siġriet fil-*promenade* tal-Qbajjar (John Zammit) | €42.00 |
| Ġbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Novembru - Diċembru 2009 (Louis Attard) | €7,884.95 |
| *Contracts Manager fee* – Ottubru 2009 (Fortunato Mifsud) | €47.53 |

Riċeviment fis-Sentinella – laqgħa mas-Sindki Calabresi
(Kunsill Lokali Rabat) €76.70
Trofej – kompetizzjoni għall-isbaħ presepji 2009
(Playcraft) €159.91
Kotba – *party* tal-Milied tat-tfal 2009 (Miller Distributors Ltd) €202.00
*Drinks* u *appetizers* lill-bandisti – End of Summerfest 2009
(L' Aragosta Restaurant) €195.00
*Drinks* u *appetizers* lill-bandisti – End of Summerfest 2009
(Smugglers Cave Bar & Restaurant) €225.00
Is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva tiċċekkja mal-President tal-Banda Sta Marija kemm il-waqfa kellhom il-bandisti għal *drinks* waqt l-attivita` End of Summerfest 2009.
*Drinks* – *party* tal-Milied tat-tfal 2009 (Paschalino Cefai) €42.00
Servizz ta' fotografu – diversi attivitajiet tal-Milied
(Joseph Mercieca) €350.00
Dwal għall-ispettaklu ta' talent lokali 2009 f' Marsalforn
(Joe Cutajar) €90.00
*Entertainment* – *party* tal-Milied tat-tfal 2009 (Spiro Sillato) €60.00
Il-Kunsill approva *performance bonus* ta' 10 u 6 fil-mija fuq il-paga tas-Segretarja Eżekuttiva u l-Assistent Prinċipali rispettivament.
Is-Sindku Carmelo Saliba qal din is-sena ħassu diżappuntat għax x' ħin il-Kunsill ġie għas-Sibtijiet, kellha ssir applikazzjoni għal skrivan/a *part-time* u ntqal ukoll dak in-nhar li "we are going to the book". Is-Sindku qal ukoll li semgħa lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fuq ir-radju jgħid li suppost l-uffiċċini tal-Kunsilli Lokali jibqgħu miftuħa sal-5.00p.m. u talab lis-Segretarja Eżekuttiva tiċċekkja dwar dan.
Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li tas-Sibtijiet kienet xi ħaġa volontarja u dan skont memo tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dwar il-ħinijiet tal-uffiċċju, is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kemm hi u anke l-iskrivana jaħdmu tmien siegħat kuljum mit-8.00 ta' filgħodu sal-4.30 ta' filgħaxija b' nofs siegħa brejk għax huma mhux qed jaħdmu għan-nofs ta' nhari tas-sajf.

Gie deċiż li l-awtur tal-Musical 'Għeruqna' jintalab jibgħat *invoice* jekk qed jippretendi xi ħlas.

## 6. APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-FONDI – PROĠETTI SPEĊJALI

Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi membru tal-Kunsill lest jivvolontarja u jieħu proġett taħt idejh mid-diversi skemi ta' fondi speċjali. Ħadd mill-Kunsillieri ma ddikjara l-interess tiegħu.

Il-Kunsill approva sitt kopji tas-sett tar-ritratti tat-Torri tal-Batterija.

## 7. FESTI PAWLINI F' MARSALFORN

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat il-programm tal-attivitajiet u dan ġie approvat mill-Kunsill.

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li Menfi Ltd għamlet donazzjoni ta' €500 għall-festi ta' San Pawl.

Il-Kunsill approva dawn il-kwotazzjonijiet, b' servizzi marbuta mal-Festa ta' San Pawl:

| | |
|---|---|
| • servizz mill-Band Mistaken Identity | €944 |
| • sistema ta' PA System għall-kunċert tas-Sibt (Power Sound) | €826 |
| • sistema ta' PA System għall-ispettaklu tal-Ġimgħa (Power Sound) | €177 |
| • dwal għall-palk (Joe Cutajar) | €200 |
| • stampar ta' 3000 leaflet (B.C.D. Printing Ltd ) | €185 |

## 8. KARNIVAL 2010

Il-Kunsill ftiehem li l-attivita` tal-Karnival issir il-Ġimgħa u l-attivita` ssir simili għal tas-snin l-imgħoddija.

## 9. XOGĦLIJIET FIL-LOKALITA`

Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet:

- trinka fi Triq iż-Żebbuġ biex tkun tista' ssir il-bankina ta' mas-siġar taż-żebbuġ.
- traqqiegħ tal-ħofor il-kbar fi Triq Daħlet Ta' Merżuq, il-ġewwa minn Villa Fiorita u sal-kamra.
- traqqiegħ ta' Triq Wied l-Infern.

Ġie deċiż li ssir stima għal xogħlijiet ta' traqqiegħ fi Triq Panoramika u l-Perit jintalab appuntament ieħor biex forsi jinstab rimedju għall-ilment ta' Farrugia fir-rigward ta' Triq Għajn Mhelhel.

## 10. AFFARIJIET OĦRA

### ILMENTI / SUĠĠERIMENTI MILL-PUBBLIKU

Ilment 95/2009 – Louis Dimech
Talab biex titranġa (kisja konkos) t-triq li tagħti għal Ta' Kuljat. Il-Kunsill iddeċieda li l-Perit jintalab jagħmel stima tax-xogħol.

Ilment 98/2009 – Anna Maria Tabone
Talbet biex issir rampa għal siġġu tar-roti quddiem ir-residenza 73, Triq il-Kappillan Franġisk Vella. Ġie deċiż li ssir *site visit* flimkien mal-Perit tal-Kunsill.

Ilment 100/2009 – Il-Kunsillier Joseph Camilleri

Talab biex kull ritratt li jinsab fil-bini tal-Kunsill jitneħħa (qed jirreferi għal ritratti relatati ma' xi reliġjon). Camilleri qal f' postijiet pubbliċi huwa permess biss il-kurċifiss u r-ritratt tal-President ta' Malta. Ġie deċiż li jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din il-materja.

Ilment 101/2009 – Gorg Vella
Talab biex isir pajp għall-ilma tan-nixxiegħa fi Triq Ta' Għajn Quċċat.

Ilment 102/2009 – Christopher Camilleri
Talab biex isiru sinjali biex ma jsirx *parking* ta' vetturi faċċata ta' sqaq li joqgħod fih Camilleri fi Triq Skapuċċina. Kien hemm qbil li ssir laqgħa għar-residenti u sidien ta' proprjeta` fi Triq Skapuċċina.

Il-Kunsill approva:

- li ssir bankina quddiem ir-residenza nru. 61 fi Triq Għajn Mhelhel (minħabba ħsara li qed isofri fuq il-faċċata tad-dar).
- l-istampar ta' għoxrin sett daqs A3 tar-ritratti li ntużaw għall-kalendarju – stima ta' €356 (B.C.D. Printing Ltd).

Is-Sindku għarraf lill Kamra li l-applikazzjonijiet għall-post ta' skrivan/a *part-time* ser jagħlqu l-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2010.

## 11. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fit-8.30 ta' filgħaxija għal nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja E\ekuttiva***

**Dok. A**

**Seduta Nru. 45/09**

## Ċedola tal-Pagamenti

| | |
|---|---|
| Trasport tat-tfal ta' l-iskola primarja – Novembru 2009 (Felix Cini) | €67.28 |
| Lapida tal-granit għal Triq il-Qbajjar u tifkiriet (Fred Marble Works) | €538.74 |
| Servizzi ta' librara – Diċembru 2009 (Joanne Grima) | €44.72 |
| *Contract Manager fee* – Diċembru 2009 (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Ikla ta' nofsinhar – ħarġa tal-anzjani Milied 2009 (Cornucopia Hotel) | €509.60 |
| Trasport – żjara fl-Imqabba u l-ħarġa tal-anzjani (Vigo Azzopardi) | €170.00 |
| Ikla tal-Milied 2009 (Connection Caterers Ltd) | €258.70 |
| Dekorazzjonijiet tal-Milied – Milied 2008 (Richard Cauchi) | €646.64 |
| Installazzjoni ta' dekorazzjonijiet tal-Milied – Milied 2008 (Richard Cauchi) | €549.73 |
| Xogħol ta' pittura fuq il-presepju ta' Pjazza l-Assunta (Mary Rose Saliba) | €1,030.00 |
| Servizzi ta' video u DVD tal-Musical 'Għeruqna' (Citadel Video Communications) | €1,099.46 |
| Bdil tal-mejn tal-ilma fi Triq il-Wied (għax-xogħol fuq it-trinka) (Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma) | €1,544.00 |

6 ta' Jannar 2010